MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2012/1

**Avviz tat-Talba: CCT G 10/2008**

**Nicholas u Diana konjugi Grech**

**vs**

**V. Sare' & Sons Marbleworks Ltd.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat li fid-9 ta' Marzu 2012 it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi ippronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba ta' Nicholas u Diana Grech tas-22 ta' Settembru 2008 fejn talbu illi s-socjeta konvenuta tigi kkundannata tirrifondi lill-atturi l-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti parti mill-prezz ghat-twahhil u installazzjoni tat-tarag ta' l-irham fil-fond tal-atturi wara li rrizulta illi s-socjeta konvenuta ma pprovdietx irham ta' kwalita tajba kif pattwit bejn il-partijiet stante illi dan l-irham irtebba' wara ftit zmien kif ukoll talli l-istess socjeta konvenuta naqset li tissupplixxi u tuza materjal ta' kwalita tajba ghax-xoghol tat-twahhil ta' l-irham u naqset li tizgura li x-xoghol kollu jsir skond l-arti u s-sengha.*

*B'talba addizzjonali ghal danni morali fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) minhabba l-effett ta' l-irham in kwistjoni fuq id-dehra estetika tal-kaxxa tat-tarag tal-fond tal-atturi.*

*Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta illi fiha stqarr illi huwa kien ipprova jiddiswadi lill-atturi milli juza l-materjal bianco carrara ghax dan seta jinbidel biz-zmien. Kien issuggerilu erba' tipi ta' granit bhala alternattiva bl-istess prezz li fuqhom setgha jaghti garanzija irnma l-atturi baqghu jinsistu fuq irham carrara. Stqarr ukoll illi l-atturi kien il-hin kollu prezenti waqt it-twahhil ta' l-irham, tant illi dritt hallsu ta' kollox.*
*Sema l-provi tal-partijiet, ra r-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti u acceda fil-fond fejn tpogga t-tarag mertu ta' dina l-kontroversja fl-20 ta' Jannar 2012.*

*Ikkunsidra.*

*Illi fl-ewwel lok, peress illi ma jidhirx illi nghata prowediment fir-rigward mt-Tribunal kif precedentement ippresjedut, dan it-Tribunal jidhirlu illi ghandu jammetti l-produzzjoni da parti tal-atturi tar-rapport ex parte ta' l-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto tat-23 t'April 2010 u jichad ir-rikors tas-socjeta konvenuta tad-29 t'April 2010 ghall-isfilz ta' l-istess. It-Tribunal huwa liberu illi jirregola i-procedura tieghu u huwa ft-interess tal-gustizzja illi tigi prodotta kwalunkwe prova ta' natura teknika, anke fi stadju tardiv. Dan meta s-socjeta konvenuta kellha*

*kwalunkwe opportunita illi tissoggetta l-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto ghall-kontro-ezami jew tipprezenta rapport tekniku ex parte imma naqset li taghmel hekk.*

*Illi din hija storja sfortunata illi tigri ta' spiss fil-kamp ta' tqeghid ta' rham u granit. Illi si tratta minn materjal li ghalkemm iebes, huwa ferm poruz b'konsegwenzi spiss negattivi fuq id-dehra tal-materjal imqieghed, It-Tribunal irid jibda billi jghid illi ma hux konvint bil-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u kif inhu maghruf, m'huwiex tenut illi joqghod fuq tali risultanzi.*

*B'differenza mill-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku, it-Tribunal huwa pjuttost propens illi jasal ghall-konkluzjoni illi t-tbajja illi dritt dehru fit-tarag wara t-tqeghid tieghu huma r-rizultat tal-materjal li ntuza f'tali tqeghid, L-atturi allegaw, u s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova in kontradizzjoni, illi Robert Sare' attribwixxa dak li gara fl-irham ghar-ramel li ntuza fit-tahlita mas-siment ghat-twahhil, peress illi r-ramel kien mielah u ta' kwalita fqira, Illi certament is-socjeta konvenuta jidher illi hadet iz-zmien taghha biex qeghdet dan l-irham u ghalhekk messha hadet il-briga li jkollha a disposizzjoni ramel ta' kwalita adekwata jew tqieghdu b'mod alternattiv.*

*Illi dina l-ipotesi hija avvalata bil-fatt illi z-zokklu illi twahhal bil-kolla baqa' fl-istat pristin. Inoltre, indani ohra ta' l-istess tarag illi gew forniti minn terzi imma mqieghda mill-istess persuni ma wrewx l-istess titbiegh. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa moralment konvint illi l-materjal fomit ma kienx difettuz u li gara m'hux minhabba r-residwi ta' hadid fl-irham imma minhabba li ma tittiehdux il-prekawzjonijiet mehtiega waqt it-tqeghid. It-Tribunal ikkonferma dina l-ipotesi meta fuq mistoqsija tieghu, Robert Sare ma kienx f posizzjoni jispecifika jekk intuzax siment iswed jew abjad fit-tahlita tat-tqeghid meta huwa pacifiku illi f'xoghol delikat ta' dina n-natura, l-uzu ta' siment abjad huwa ferm rakkamondabbli.*

*Illi peress illi s-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghat-tqeghid tal-irham in kwistjoni, ma tistax tesimi ruhha mir-responsabilita taghha ghaliex l-atturi ghazlu l-materjal*

*in kwistjoni ghalkemm saritilhom offerta ta' materjal alternattiv. Fl-ewwel lok, m'hemm l-ebda garanzija illi l-uzu ta' tali materjal alternattiv ma kienx se jkun nieqes mill-problemi u fit-tieni lok, galadarba s-socjeta konvenuta accettat illi tforni u tqieghed dan l-irham bianco carrara, ma tistax issa tahsel idejha billi tghid illi kienet wissiet lill-atturi illi l-materjal kien ser jittebba' meta n-nuqqas jidher illi huwa attribwibbli ghat-tqeghid ta' l-istess materjal.*

*Illi l-atturi talbu rifuzjoni ta' l-ammont imhallas sal-massimu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi l-azzjoni attrici tidher illi hija msejsa fuq l-artiklu 1390 tal-Kap. 16 meta l-bejgh ta' materjal ma jkunx tal-kwalita pattwita. Ma saret l-ebda allegazzjoni ta' difett mohbi illi jaghti lok ghal actio redhibitoria jew l-actio aestimatoria taht l-artiklu 1424 u 1425 tal-Kap. 16. Issa t-Tribunal huwa aktar propens illi jhares lejn it-transazzjoni in kwistjoni bhala kuntratt t'appalt milli.kuntratt ta' bejgh u kunsinna ta' rham sic et simpliciter.*

*Illi fil-kaz odjern, l-anqas ma jidher illi huwa prattikabbli kwalunkwe rimedju jekk m'hux it-tibdil tat-tarag in kwistjoni jew it-tqeghid tieghu mill-gdid jekk ikun possibli illi wiehed jaqilghu bil-galbu. Illi anke s-socjeta konvenuta ma offrietx illi tbiddel hlief erba' targiet tat-tarag in kwistjoni. Illi ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu illi huma applikabbli l-estremi kkontemplati fl-artiklu 76 tal-Kap. 378 u ghalhekk arbitrio boni viri qieghda tilqa' in parti t-talbiet attrici u tordna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghal dawk tal-perit tekniku li ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta’ V. Sare’ & Sons Marbleworks Ltd. datat 20 ta’ Marzu 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka d-decizjoni appellata tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi u wara tghaddi biex tiddetermina l-meritu, tichad it-talba tal-appellati bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-appellati tad-9 ta' April 2012, fejn filwaqt li mill-gdid ghamlu riferenza ghall-provi kollha prodotti minnhom quddiem it-Tribunal ghal Tabliet tal-Konsumaturi, issottometew li ma jezistux l-estremi voluti mil-ligi sabiex l-apprezzament ta' fatt u l-enuncjazzjoni tal-ligi ezegwiti mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi jigu disturbati minn din il-Qorti ta' l-Appell. Anke ezami akkurat mill-gdid tal-fatti u l-principji legali ta' din il-kaza ghandu jerga jwassal sabiex din il- Qorti tirrijafferma *in toto* s-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-2 ta' Lulju 2012 fejn deher Dr. Mario Scerri ghas-socjeta' appellanti u Dr. Jean Paul Grech ghall-appellati. Dawn trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma (a) li hija ma inghatatx l-opportunita' li tiddefendi l-kaz taghha; (b) id-decizjoni hija bbazata fuq numru ta' prezunzjonijiet li ma gewx pruvati u ghar minn  hekk mhux kompatibbli mal-provi prodotti.

Illi dwar l-ewwel aggravju qed jigi allegat li d-decizjoni hija bbazata fuq ir-rapport ex parte prezentat fil-23 ta' April 2010 li kien kontrastanti ghal dak li kien ir-rapport tal-perit tekniku nominat mill-Qorti datat 5 ta' April 2010; qed jinghad li tali rapport ex parte gie prezentat minghajr ma gie notifikat lill-appellant, u baqa' hekk minkejja li talab sabiex jigi prodott bhala xhud il-Perit Anna Maria Attard Montalto li rredigitu giet mixhuda b'digriet appositu.

B'hekk is-socjeta' appellanti qed isostni  li hija ma kinitx taf bl-istess rapport u kien biss bis-sentenza li tali prezentata tar-rapport giet awtorizzata minghajr ma saret talba sabiex dan ikun ammess bhala prova, b'dan li hija allura ma kinitx f'pozizzjoni li tattakka l-istess. Dan huwa iktar serju meta jidher li t-Tribunal ibaza d-decizjoni fuq l-istess

rapport ex parte. Dan huwa iktar serju, tghid is-socjeta’ appellanti meta ir-rapport tal-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti kien favur taghha u hija qaghdet fuqu, anke ghaliex ma kinitx allura taf bir-rapport hekk awtorizzat jigi esebit bis-sentenza. Ghalhekk hemm ksur tal-principju audi alteram partem li jannula l-istess decizjoni **(“Sammut vs Bell Mc Cance”** – Kollez. Vol. XXXII.ii.350).

Illi dwar it-tieni aggravju inghad li dak li inghad mit-Tribunal mhux sorrett mill-provi. Fil-fatt ghalkemm it-Tribunal ma kienx marbut li joqghod fuq ir-relazzjoni teknika pero’ mill-banda l-ohra lanqas setgha jinjora l-istess konkluzzjonijiet ta’ natura teknika b’mod legger **(“Grima vs Mamo et nomine”** – A.C. – 29 ta’ Mejju 1998); **“Cauchi vs Mercieca”** – A.C. – 6 ta’ Ottubru 1999); **“Saliba vs Farrugia”** – 28 ta’ Jannar 2000); **“Calleja nomine vs Mifsud”** (A.C. – 19 ta’ Novembru 2001). Dan iktar u iktar meta l-appellat lanqas talab in-nomina ta’ periti perizjuri **(“Bugeja et vs Muscat et”** – A.C. – 23 ta’ Gunju 1967).

Illi ma’ dan gie sottomess li ma kien hemm xejn mill-provi li effettivament jikkontrastaw mir-rizultanzi tal-perit gudizzjarju u ghalhekk l-appellat naqas li jipprova dak minnu allegat meta kien oneru tieghu li jaghmel dan (**“Theuma vs Mercieca”** A.C. – 20 ta’ Frar 1996); **“Fenech Clarke et vs Borg et”** – A.C. – 30 ta’ Mejju 1997); **“Mizzi nomine vs Borg et”** P.A. – 29 ta’ Settembru 2009).

Tenut kont ta’ dan ma hemm ebda prova li l-materjal uzat sabiex jitwahhal il-madum ma kienx tal-kwalita’ tajba u li t-tqieghed tal-istess ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, u dan lanqas minn dak li pprovda il-perit ex parte, ghaliex tali rapport huwa bbazat fuq suppozizzjonijiet, u ghalhekk ghalkemm din il-Qorti normalment ma tissostitwiex l-apprezzament taghha dwar il-provi ghal dak tat-Tribunal, dan isir meta d-decizjoni moghtija ma tkunx tirrifetti l-esekuzzjoni ta’ gustizzja sostantiva u ekwita’ (**“Gerada vs Borg Barthet (Beta Centre)”** – A.C. – 29 ta’ Jannar 1999).

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li fil-verita' dak li sostna l-appellant mhux ghal kollox korrett ghaliex tali rapport gie prezentat bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti kif jidher proprio mill-visto datat 27 ta' April 2004, li pero' inghad fih li *"nirriserva li naghti l-kummenti tieghi"* (fol. 18). Fil-fatt wara sar rikors ghall-isfilz mill-istess socjeta' appellanti bil-visto tal-kontro-parti datat 29 ta' April 2010 (fol. 19) – fl-istess seduta l-appellati talbu li jaghmlu eskuzzjoni tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti (fol. 20). Saret risposta mill-appellati datata 30 ta' April 2010 fejn opponew ghall-isfilz (fol. 27) u dan gie decretat biss bid-decizjoni tat-Tribunal fid-9 ta' Marzu 2012. Dan sar wara li r-rikors ghall-produzzjoni tal-Perit li dderiga r-rapport ex parti bhala xhud prezentat mill-appellati f'Awwissu 2010 (fol. 23), li kien oppost b'risposta tal-appellanti, gie michud fl-1 ta' Dicembru 2010 (fol. 28).

Dan iffisser li l-awtorizzazzjoni sabiex r-rapport ex parte jigi formalment ammess bhala prova saret biss fid-decizjoni tat-Tribunal u dan ifisser li l-appellant ma' kellux l-opportunita' li jirrispondi ghall-istess u b'hekk il-principji ta' gustizzja naturali nkluz l-massima audi alteram partem giet miksura, u xejn milli jghidu l-appellati ma jista' jbiddel dan il-fatt u dan is-sens ta' ingustizzja manifesta, f'dik li hija procedura, li sehhet fil-konfront tal-appellant. La darba it-Tribunal iddecieda li jhalli l-istess rapport fl-atti, mela allura kellu jaghti opportunita' lill-appellant sabiex jirribatti ghall-istess u dan manifestament ma sarx.

Il-fatt li tali Bord jirregola l-procedura tieghu ma jfissirx li l-principji ta' smiegh xieraq ma ghandhom jigu segwieti, nkluz dak li ghandha tinghata lil kull parti li tressaq il-kaz taghha u tirrispondi ghal dak sottomess lill-parti l-ohra. Dan b'mod car ma sarx f'dan il-kaz u dan iwassal sabiex tigi annulata d-decizjoni tat-Tribunal. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh anke abbazi tal-**artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378.**

Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex allura taghti opportunita' lill-partijiet iresqu l-kaz taghhom quddiem din il-Qorti u wara li ssir it-trattazzjoni l-kaz jigi deciz skond il-Ligi minn din il-Qorti abbazi tal-**artikolu 22 (4) tal-Kap. 378.**

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellati datata 9 ta' April 2012, **tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tas-socjeta' appellanti kif interpost fir-rikors tal-appell datat 20 ta' Marzu 2012, b'dan li ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi tannulla u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi (Ghawdex) datata 9 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet "Nicholas u Diana Grech vs V. Sare & Sons Marbleworks Ltd." (Rikors. Numru CCT G 10/2008 – (JE)) u dan ghar-ragunijiet hawn decizi b'dan li din il-Qorti qed thalli l-kawza ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2013 fid-9.00am sabiex tinghata opportunita' lill-partijiet sabiex jirregolaw ruhhom in vista ta' dak hawn deciz u bl-iskop li din il-kawza tigi trattata u deciza skond il-Ligi minn din il-Qorti abbazi tal-artikolu 22 (4) tal-Kap. 378.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------